

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)  
> [Kumpens](#) > [Talba Għall-Ħlas Tad-danni Mingħand Min Ikun Wettaq Ir-reat](#) > [Portugal](#)

# Talba għall-ħlas tad-danni mingħand min ikun wettaq ir-reat

Il-kontenut ipprovdut minn Portugal



Portugal

## Kif nista' nagħmel talba għall-kumpens tad-danni jew mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon mingħand awtur ta' reat fi proċess (proċedimenti kriminali), u lil min għandi nindirizza din it-talba?

Fil-Portugal, bħala regola, il-kumpens tad-danni għandu jintalab bil-proċedimenti kriminali. Ir-reati li jiffurmaw l-oġġett tal-proċedimenti kriminali jistgħu jkunu wkoll raġunijiet għal responsabbiltà ċivili, sa fejn dawn jagħmlu ħsara lill-interessi li jistgħu jkunu soġġetti għal rimedju għall-ħsara lill-proprjetà, skont id-dritt ċivili.

Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (KPK) jstabbilixxi l-prinċipju ta' aderenza, li bih talba ċivili għall-kumpens tad-danni fuq il-bażi tat-twettiq ta' reat għandha titressaq fil-proċeduri kriminali rispettivi, u tista' tiġi deċiża separatament biss quddiem qorti ċivili fil-każijiet previsti fil-liġi u stabbiliti fil-KPK.

F'ċirkustanzi fejn il-vittma tkun residenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u tkun il-vittma ta' reat fi Stat li ma jkunx dak tar-residenza tagħha, hija tista' tissottometti t-talba għall-kumpens tad-danni lill-awtorità responsabbli biex teżamina u tiddeċiedi dawn it-talbiet fl-Istat tar-residenza tagħha. Din tal-aħħar għandha tibgħat it-talba lill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn seħħ ir-reat.

## F'liema punt fil-proċedimenti kriminali għandi nippreżenta talba?

Il-vittma trid tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tippreżenta talba għall-kumpens tad-danni malli tippreżenta l-ilment tagħha, jew qabel ma tiġi konkluża l-investigazzjoni. Imbagħad hija tiġi nnotifikata bl-att tal-akkuża u jkollha 20 jum biex tissottometti t-talba tagħha għall-kumpens tad-danni.

Anki jekk ma tkun tressqet l-ebda talba għall-kumpens tad-danni, l-imħallef jista', *ex officio*, u wara li jqis iċ-ċirkustanzi tal-vittma, jordna lill-akkużat iħallas lill-vittma ċertu kumpens għad-dannu sofrut, sakemm il-vittma ma toġġezzjonax hija stess.

Fil-każ tal-vittmi ta' reati vjolenti, it-talba għall-kumpens tad-danni tista' tiġi ppreżentata sa sena wara d-deċiżjoni finali.

Jekk il-vittma kienet minorenni fiż-żmien li twettaq ir-reat, hija tista' tippreżenta t-talba sa sena wara li tilħaq l-età maġġuri jew li ssir emanċipata.

## X'nista' nitlob fit-talba u kif għandi nippreżentaha (nindika ammont totali u/jew nispeċifika t-telf individwali, il-profitti mitlufa u l-imgħaxijiet)?

It-talba għall-kumpens tad-danni tista' ssir fuq il-bażi tal-okkorrenza ta':

- Dannu fil-proprjetà: inkluż it-telf ikkawżat mir-reat (pereżempju, l-ispejjeż tal-kura fl-isptar, il-

konsultazzjonijiet, il-mediċini, eċċ.), u l-benefiċċji li l-vittma ma tkunx għadha tirċievi (pereżempju, il-paga li waqfet tirċievi meta ma setgħetx taħdem).

- Danni psikoloġiku: għalkemm dan ma jistax jiġi attribwit valur finanzjarju għalih, jista' jiġi kkompensat finanzjarjament (pereżempju, id-dannu li jinterferixxi mal-benesseri, id-dinjità jew ir-reputazzjoni tajba, li jinvolvi wġiġh fiżiku, disturbi psikoloġiċi u tbatija emozzjonali).

## Hemm formola speċifika għal talbiet bħal dawn?

Le. It-talba trid sempliċement tinkludi deskrizzjoni fil-qosor tal-fatti li l-pretensjoni tkun ibbażata fuqhom u tindika t-telf imġarrab u l-valur tiegħu.

Madankollu, jekk it-talba tinvolvi ammont akbar minn EUR 5 000, tkun trid titħallas tariffa tal-qorti u t-talba tkun trid tiġi ppreżentata minn avukat.

Danni mħallsa mill-Istat

1. Fil-każ ta' reati vjolenti, l-Istat jista' jħallas antiċipu. Trid timtela [formola speċifika](#) li tiddikjara l-ammont ta' kumpens għad-danni mitluba u jridu jinhemżu dokumenti speċifiċi, bħad-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq l-introjt tal-vittma u dik tar-rikorrent (jekk ma jkunx il-vittma) għas-sena ta' qabel it-tweġġiq tar-reat, kif ukoll dokumenti li jissostanzjaw l-ispejjeż indikati fil-formola.
2. Għall-każijiet ta' vjolenza domestika, jista' jkun hemm ħlas bil-quddiem mill-Istat u trid timtela [formola speċifika](#). Iridu jinhemżu l-istess dokumenti msemmija f'a).

## X'evidenza rrid nippreżenta biex insostni t-talba tiegħi?

Il-vittma trid tippreżenta d-dokumenti kollha li jipprovdu evidenza tat-telf imġarrab (ara l-paragrafu 1.1). Hija trid tipproduċi wkoll xhieda li jstgħu jikkorrobraw u jikkonfermaw li l-vittma ġarrbet it-telf li qed tgħid.

## Hemm xi tariffi tal-qrati jew spejjeż oħra marbuta mat-talba tiegħi?

Jekk it-talba tkun anqas minn EUR 5 000, ma jkun hemm ebda tariffa pagabbli, u t-talba tista' tiġi ppreżentata mill-vittma nnifisha.

Jekk it-talba tkun ta' aktar minn EUR 5 000, it-talba trid tiġi ppreżentata minn avukat li jirrappreżenta lill-vittma u tkun soġġetta għall-ħlas ta' tariffa tal-qorti, sakemm il-vittma ma tkunx qiegħda tirċievi għajjnuna legali.

Għall-vittmi ta' reati vjolenti u ta' reati ta' vjolenza domestika, it-talba għal ħlas bil-quddiem tintbagħat lill-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Reati (KPVR) u hija eżentata mill-ħlas ta' kwalunkwe spiża jew imposta mill-vittma.

Jekk ir-reat ikun tweġġaq fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tal-UE, it-talba tista' tiġi ppreżentata lill-KPVR, bil-kundizzjoni li r-rikorrent ikollu r-residenza abitwali tiegħu fil-Portugall.

## Nista' nikseb għajjnuna legali qabel u/jew matul il-proċedimenti? Nista' nirċeviha anke jekk ma nkunx qed ngħix fil-pajjiż fejn iseħħu l-proċedimenti?

Iva, tista' tapplika għall-għajjnuna legali f'ċerti ċirkustanzi.

Il-vittma hija intitolata għal parir u gwida legali dwar ir-rwol tagħha matul il-proċedimenti.

Jekk tixtieq tissieħeb fil-proċedimenti bħala parti ċivili, inti trid tapplika għall-għajjnuna legali fi stadju bikri tal-proċedimenti jew meta, bħala xhud, inti tkun tixtieq li tiġi akkumpanjat minn avukat u ma jkollokx il-mezzi finanzjarji biex tkopri l-ispejjeż rispettivi.

Tista' tapplika wkoll għall-għajjnuna legali:

- għat-tneħħija sħiħa jew parzjali tal-pagament tat-tariffa tal-qorti;

- għall-ħatra u l-pagament tal-onorarji tal-avukati; jew
- għall-ħlas bin-nifs tat-tariffa tal-qorti jew tal-onorarji tal-avukati.

Nota: Id-deċiżjoni dwar it-talbiet għall-għajjnuna legali tittieħed mill-[awtoritajiet tas-sigurtà soċjali](#), abbażi ta' formula ta' kalkolu li tqis il-beni, id-dħul u n-nefqa ta' min ikun qed jitlobha. It-talba għall-għajjnuna legali trid tiġi ppreżentata billi jintużaw il-formoli li jistgħu jinkisbu bla ħlas mis-servizzi tas-sigurtà soċjali. Il-formola tista' tiġi ppreżentata personalment, bil-faks, bil-posta jew bl-internet, fil-każ tal-aħħar billi timtela l-formola diġitali rispettiva. It-talba trid tkun akkumpanjata minn sett ta' dokumenti li jikkonfermaw it-tbatija finanzjarja ta' min qed jitlob l-għajjnuna legali. Id-deċiżjoni tittieħed fi żmien 30 jum. Is-sottomissjoni ta' din it-talba ma tinvolvi spejjeż għall-vittma.

## Meta tista' l-qorti kriminali tiċħad jew tirrifjuta li tiddeċiedi dwar it-talba tiegħi kontra l-awtur tar-reat?

Jekk ma jkunx hemm kundanna għat-twettiq tar-reat.

Jekk il-vittma ma tkunx tista' tipprova t-telf li sofriet.

## Nista' nappella kontra din id-deċiżjoni jew infittex mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon?

Iva. Inti tista' tappella kontra d-deċiżjoni jekk tkun isseħibt fil-proċedimenti bħala parti ċivili.

Tista' tirrikorri wkoll għal mezzi konvenzjonali (il-qrati ċivili) jekk, għal xi raġuni, it-talba ma tkunx ġiet ikkunsidrata.

## Jekk ningħata kumpens għad-danni mill-qorti, kif nista' nkun żgur li s-sentenza tiġi eżegwita kontra l-awtur tar-reat u x'għajjnuna nista' nikseb biex niżgura dan?

Iva. Jekk il-konvenut ma jħallasx id-danni b'mod volontarju, il-vittma tista' tiegħu azzjoni ta' eżekuzzjoni, jiġifieri, titlob lill-qorti biex teżegwixxi d-deċiżjoni li jingħata kumpens għad-danni pereżempju permezz ta' sekwestru tas-salarju, tal-kontijiet bankarji, tal-proprjetà immobbli jew mobbli, sakemm jintlaħaq il-valur tal-kumpens għad-danni mogħti lill-vittma.

---

L-aħħar aġġornament: 07/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.